MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## FARRUGIA SACCO LINO

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 388/1997/1

Joseph Cilia
vs
L-Onorevoli Prim Ministru bhala l-Ministru responsabbli ghall-Pulizija, u l-Kummissarju tal-Pulizija

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent ippremetta:

1. Illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u precizament ghall-habta ta' Novembru, 1994, ir-rikorrent sofra ingustizzja billi, bhala kuntistabbli tal-Pulizija, b'mod abbuziv u dikriminatorju, m'ghaddiex mill-interview li kien parti minn ezami ghall-hatra ta' Surgenti tal-Pulizija, u dan minkejja li kellu l-kwalifiki kollha mehtiega biex b'hekk ma setax ikompli bl-ezami.

2. Illi l-fatti tal-kaz kienu, fil-qosor, is-segwenti. Ir-rikorrent kien ilu kuntistabbli tal-Pulizija ghal numru ta' snin. Hu

applika biex joqghod ghall-ezami ghall-hatra ta' Surgent wara sejha ghalhekk fis-sajf tal-1994.

3. Illi r-rikorrent gie mitlub jidher quddiem Bord ta' l-ghazla biex jigi interviewed. Waqt dan l-interview kienu prezenti bhala membri tal-Bord, fost l-ohrajn, l-Assistent Kummissarju Joseph Gauci, li mexxa l-Bord, l-Ispettur Ronald Kelly, Audrey Sciberras u ufficcjal mis-servizz generali tal-Gvern. Dan ta' l-ahhar irrifera pozittivament ghar-rapporti li kellu r-rikorrent li kienu juru li dan kien segwa diversi courses b'success tant li l-istess membru tal-Bord hass li ma kellux ghalfejn jaghmillu mistoqsijiet. Membri ohra tal-Bord ikkummentaw ukoll pozittivament, anke jekk tard wisq, dwar kemm kien ikkwalifikat ir-rikorrent biex jilhaq Surgent tal-Pulizija.

4. Illi din ma kenitx l-ewwel darba li r-rikorrent sofra abbuz u diskriminazzjoni ta' din in-natura. Difatti, hu kien qaghad ghal ezami ghal Surgent f'Marzu tal-1990 fejn ghadda b'marki gholja mill-ewwel parti, li kien jikkonsisti f'ezami bil-miktub, u m'ghaddiex, jew ahjar m'ghaddewhx, mill-interview. Sussegwentement ghall-kaz meritu ta' dan ir-rikors, ir-rikorrent kien qaghad ghal ezami iehor f'Lulju tal-1996 u regghu m'ghaddewhx mill-interview. L-ewwel ezami kien ukoll immexxi mill-Assistent Kummissarju Joseph Gauci.

5. Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib in sostenn ta' l-ilmenti tieghu x-xhieda indikati fl-elenku.

Ghalhekk, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal sabiex jisma' u jiddeciedi dwar l-ilmenti tieghu skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji u jinghata rimedju billi jigi ordnat illi (1) jigi promoss ghal Surgent tal-Pulizija b'effett mid-data li fiha gew mahtura dawk li qaghdu ghall-ezami tal-1994 jew minn data ohra li jidhirlu xierqa dan it-Tribunal; (2) jinghata l-arretrati tas-salarju li tilef b'rizultat ta' l-azzjonijiet abbuzivi u diskriminatorji li sofra kif fuq intqal; (3) jinghata kumpens ghad-danni li sofra b'rizultat ta' dan l-agir, jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, jigi ordnat li jithallas lilu kumpens fl-ammont li ma jeccedix il-Lm5,000.

Ra l-lista ta' xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li eccepixxa:

Illi fis-7 ta' Novembru, 1989, kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-hatra ta' rank ta' surgent minn membri tal-Korp. Dan l-ezami kien jikkonsisti f'zewg partijiet.

Ir-rikorrent kien applika sabiex joqghod ghal dan l-ezami u kien maghzul. Huwa kien wehel fl-ewwel parti ta' dan l-ezami.

Illi fis-27 ta' Settembru, 1994, kienet harget sejha ohra ghal applikazzjonijiet ghall-hatra ta' rank ta' surgent minn membri tal-Korp. Dan l-ezami kien jikkonsisti fi tlett partijiet.

Ir-rikorrent kien applika sabiex joqghod ghal dan l-ezami u kien maghzul. Ir-rikorrent kien ghal darba ohra wehel fl-ewwel parti ta' dan l-ezami.

Illi fit-18 ta' Mejju, 1996, kienet harget sejha ohra ghall-applikazzjonijiet ghall-hatra ta' rank ta' surgent minn membri tal-Korp. Dan l-ezami kien jikkonsisti f'intervista u f'zewg partijiet.

Illi r-rikorrent kien applika sabiex joqghod ghal dan l-ezami u kien maghzul. Ir-rikorrent kien wehel fl-istadju ta' l-intervista.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra.

Illi fit-30 ta’ Ottubru 2001 ir-rikorrent iddikjara li r-rikors huwa limitat biss ghall-promozzjoni tal-1994.

**PROVI:**

Xehed ir-rikorrent li qal fl-1994 applika ghal surgent. Qal li l-bord kien maghmul mill-Assistent Kummissarju Joseph Gauci, Superintendent Kelly, Dr Saliba, Mr J. Ebejer mid-Division tal-Home Affairs u Audrey Sciberras u hu m’ghaddiex mill-interview. Semma kif sar l-interview u kif irrisponda ghad-domandi.

Xehdet Audrey Mifsud Sciberras li qalet li kienet fl-interviewing board ghal surgent. Qalet li tiftakar lir-rikorrent fl-interview u meta ccekjat mar-records sabet li gab xi 40 marka. Qalet ukoll li dak iz-zmien ma tkellmet ma’ hadd fuq l-interviews inkluz mar-rikorrent u cahdet li kienet qaltlu li hu ghadda.

Xehed Joseph Ebejer li qal li kien fl-interviewing board ghal surgent. Spjega li l-procedura kienet malli jidhol l-applikant mill-interview jigi assesjat dak il-hin stess, u l-membri tal-bord jaqblu dwar il-marka li se tinghata lill-applikant. Qal ukoll li l-kummenti miktuba dak il-hin mill-bord ma jinzammux. Ikkonferma li r-rikorrent kien gab 46 marka u l-pass mark kienet 50.

Xehed PC 742 Michael Scicluna li qal li qatt ma kien prezenti ghal diskors li ntqal dwar l-interview ghal surgent. Qal ukoll li qatt ma tkellem ma Audrey Sciberras dwar ir-rizultat ta’ l-interview.

Xehed PC 128 Frankie Axiaq li qal li huwa qal kummenti normali dwar minn ghadda u min m’ ghaddiex wara r-rizultati. Qal ukoll li meta tkellem ma’ Cilia tkellem biss dwar ir-rizultat. Huwa cahad li sar xi diskors minnu waqt il-mori ta’ din il-kawza fir-rigward tar-rikorrent u l-interview li kien ghamel. Cahad ukoll li kien hemm xi diskors dwar xi misplaced file ta’ certu Simon Buttigieg.

Xehed Dr Francis Saliba li qal li ma jiftakarx x' domandi saru waqt l-interview u li d-domandi kienu jsiru biex jaraw x' komunikattiva ghandu l-individwu.

Xehed Joseph Gauci li qal li kien Chairman tal-bord. Qal li seta' ghamel xi domandi lir-rikorrent ghalkemm ma jiftakarx x' inhuma. Cahad kategorikament li semma jew staqsa domandi dwar Pullicino. Zied jghid li s-Sur Kelly kien is-Segretarju tal-bord u bhala tali ma ghamilx domandi. Huwa kkonferma li l-marka li gab ir-rikorrent hija ta' 46 meta l-pass mark kienet 50. Dwar kif ir-rikorrent inghata 10 marki minn 35 dwar kwalitajiet personali dan gie stabbilit waqt l-interview mill-mod kif ikkomunika l-applikant mal-bord. Dwar kif inghata 8 marki minn 15 fuq kondotta ma ftakarx. Mir-rapport tal-ezami jirrizulta li r-rikorrent inghata 8 minn 15 ghall-kondotta, 7 minn 10 ghas-sick leave, 13 minn 25 ghall-esperjenza fuq xoghol, 8 minn 15 fuq edukazzjoni, 10 minn 35 fuq kwalitajiet personali b' total ta' 46.

Xehed is-Suprentendent Ronald Kelly li qal li s-sejha ghall-grad ta' surgent kienet maqsuma fi tlett partijiet, l-ewwel parti kienet personal in depth interview, it-tieni parti written examination u t-tielet parti practical test. Trid tghaddi mill-ewwel parti biex tkun tista' tkompli ghat-tieni u t-tielet parti. Huwa kkonferma li kien Segretarju fil-bord ta' l-interview. Xoghlu ma kienx li jaghmel domandi izda li jzomm ir-records. Qal ukoll li l-marki inghataw waqt l-interview peress li kull membru tal-bord ta marka u wara l-kummenti jinghata average. Zied jghid li ttiehdu in konsiderazzjoni kriterji bhal kondotta u sick leave. Huwa cahad li fil-prezenza tieghu saret referenza ghal Dr Pullicino waqt l-interview. Huwa pprezenta kopja ta' defaulter sheet bil-kondotta tar-rikorrent fejn huwa kien nstab hati ta' zewg akkuzi, wahda li ma kienx liebes xieraq u ohra ta' traskuragni fuq ix-xoghol. Gie mitlub mir-rikorrent biex jesebixxi d-defaulter sheet ta' Michael Bonello, Massimo Persiano u Reuben Mifsud u dawn kollha clean. Huwa kkonferma li mir-rizultat ta' l-intervista ghal surgent Simon Buttigieg ottjena total ta' 84 marka.

Xehdet Marisa Camilleri li qalet li ghall-habta ta' l-1997 kien kellimha PC 128 Frankie Axiaq li kien qalilha r-rizultati tar-rikorrent fir-rigward l-ezami ta' surgent kienu gew mibdulin ma ta' xi hadd Simon. Hija qalet li Frankie Axiaq kien qalilha li gie nfurmat b'dan minn Audrey Sciberras li kienet wahda minn membri tal-bord.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent qieghed jilmenta minn nuqqas ta' promozzjoni mir-rank ta' Kuntistabbli ghal Surgent fil-promozzjonijiet tal-1994. Fil-fatt huwa gab 46 minn 100 meta l-pass mark kienet ta' 50 marka. Dan kien part 1 mit-tliet partijiet necessarji li wiehed jghaddi minnhom biex jiehu l-promozzjoni.

L-ilment tar-rikorrent huwa bazat fuq tliet aspetti u cioe` li hu ma nghatax il-marki li suppost,u li sar xi tahwid ta' rizultat bejnu u P.C. Simon Buttigieg,u dwar xi domandi li saru lir-rikorrent dwar konnessjonijiet bejnu u l-ex Kummissajru Dr. Lawrence Pullicino. Dwar l-ewwel parti tal-ilment dwar l-allokazzjoni aktar preciza tal-marki r-rikorrent ma gabx provi dwar allokazzjoni zbaljata ta' dawn il-marki. Infatti ma gabx provi dwar aspetti oggettivi bhal sick leave u edukazzjoni fejn applikanti ohra li kellhom kwalifiki jew edukazzjoni anqas minnu gew allokati marki aktar minnu. L-unika prova li ttenta jaghmel ir-rikorrent kienet dwar kondotta ta' tliet applikanti ohra u cioe` Bonello, Persiano u Mifsud li pero` meta gew prodotti d-defaulter sheets taghhom dawn kienu clean. Illi ghalhekk ma giet pruvata ebda allokazzjoni zbaljata tal-marki.

Dwar it-tibdil tar-rizultat ma' ta' Simon Buttigieg bhala provi hemm biss dak li jghid ir-rikorrent li qallu Frankie Axiaq u anke li Marisa Camilleri tghid li qalilha Frankie Axiaq. Izda l-imsemmi Frankie Axiaq jichad li qal dan il-kliem. Biex wiehed jasal ghal affermazzjoni ta' allegazzjoni serja bhal din hu necessarju li jkollu provi konkreti u mhux "detto del detto". Jinghad li rizultat ikun iffirmat mill-ezaminaturi kollha u ghalhekk huwa ferm difficli li jsir l-izball li jithallat rizultat ta' persuna ma' ta'

wahda ohra.  Ghalhekk it-Tribunal mhux konvint minn din l-allegazzjoni.

Ir-rikorrent allega wkoll li ttiehdet rejazzjoni negattiva lejh minhabba li hu jsostni li sarulu allegazzjonijiet dwar relazzjonijiet tajba tieghu ma' Dr. Pullicino.  Apparti milli din hija michuda mill-membri tal-bord, u ferm inkredibbli li persuna sejra tghid dan il-kliem quddiem tant nies ohra, jidher car li dan l-aspett tal-ilment huwa wkoll konfliggenti ma' dak allegat mir-rikorrent stess dwar tibdil tar-rizultat ghax jekk bniedem ma jintghogobx mhux l-ewwel jinghata l-marki u wara dan jigi sostitwit b' ta' persuna ohra izda ma jinghatax marki mill-ewwel.  Ghalhekk ukoll dan l-aspett m' hu xejn konvincenti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati.  Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.